# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

**2008/2066(INI)**

26.6.2008

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar is-sitwazzjoni u l-prospettivi tal-biedja fir-reġjuni muntanjużi (2008/2066(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Bernadette Bourzai

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-Artikolu 158 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar il-politika ta' koeżjoni, kif emendat mit-Trattat ta' Liżbona, jidentifika r-reġjuni muntanjużi bħala reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali u dejjiema, filwaqt li jirrikonoxxi d-diversità tagħhom, u jitlob li tingħata attenzjoni partikulari lil reġjuni bħal dawn; jiddispjaċih madankollu li l-Kummissjoni għadha ma rnexxilhiex tfassal strateġija komprensiva għall-appoġġ effettiv tar-reġjuni muntanjużi u ta' reġjuni oħra li jbatu minn żvantaġġi naturali u dejjiema, minkejja l-bosta talbiet min-naħa tal-Parlament Ewropew sabiex hija tagħmel dan;

2. Jenfasizza l-bżonn li jkun hemm koordinazzjoni tajba bbażata fuq il-bosta politiki Komunitarji bil-għan li jiġi żgurat żvilupp armonjuż, b'mod partikolari għar-reġjuni, bħar-reġjuni muntanjużi, li jbatu minn żvantaġġi naturali dejjiema; huwa mħasseb, f'dan ir-rigward, dwar l-utilità tas-separazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-Komunità mill-iżvilupp rurali, fil-perjodu ta' ipprogrammar attwali 2007-2013 (li tirriżulta mill-integrazzjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali fil-Politika Agrikola Komuni (CAP)); iqis li dan l-approċċ ġdid għandu jiġi mmonitorat mill-qrib sabiex jiġi evalwat l-impatt tiegħu fuq l-iżvilupp reġjonali;

3. Jirrimarka li r-reġjuni muntanjużi jbatu minn żvantaġġi li minħabba fihom huwa inqas faċli li l-agrikoltura tadatta ruħha għal kundizzjonijiet kompetittivi u li jġibu magħhom spejjeż żejda, li minħabba fihom dawn ma jkunux jistgħu jipproduċu prodotti kompetittivi ħafna bi prezzijiet baxxi;

4. Jipproponi li fil-kuntest tal-Green Paper dwar il-koeżjoni territorjali li għandha tkun adottata fil-Ħarifa ta' l-2008, u bi qbil ma' l-objettivi ta' l-aġenda territorjali u l-Perspettiva Ewropea għall-Iżvilupp ta' l-Ispazji, il-Kummisjoni għandha, f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri, tadotta approċċ reġjonali biex tindirizza l-problemi f'tipi differenti ta' territorji muntanjużi u tagħmel dispożizzjoni għal miżuri bħal dawn fil-pakket leġiżlattiv li jmiss dwar il-Fondi Strutturali;

5. Jixtieq li l-Kummissjoni tiżviluppa strateġija Ewropea integrata tassew favur ir-reġjuni muntanjużi u jqis il-pubblikazzjoni ta' Green Paper dwar il-muntanji bħala l-ewwel pass importanti f'din id-direzzjoni; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tniedi konsultazzjoni pubblika wiesgħa li tinvolvi lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, lill-partijiet soċjo-ekonomiċi u ambjentali, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet nazzjonali u Ewropej li jirrappreżentaw lill-awtoritajiet reġjonali fir-reġjuni muntanjużi, sabiex tiġi identifikata aħjar is-sitwazzjoni f'dawn ir-reġjuni;

6. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-kuntest tal-programm ta' ħidma tan-Netwerk Ewropew għall-Osservazzjoni ta' l-Ippjanar ta' l-Ispazji, tagħti attenzjoni speċjali lis-sitwazzjoni tar-reġjuni li jkunu miżgħuda bi żvantaġġi naturali dejjiema, bħar-reġjuni muntanjużi; iqis li għarfien tajjeb u fil-fond tas-sitwazzjoni fir-rigward tar-reġjuni

muntanjużi huwa essenzjali sabiex wieħed ikun jista' jfassal miżuri differenzjati li jindirizzaw aħjar il-problemi ta' dawn ir-reġjuni;

7. Iħeġġeġ li jkun hemm iktar koordinazzjoni ta' l-iżvilupp rurali u appoġġ strutturali u għall-iżvilupp ta' programmi komuni;

8. Ifakkar li r-reġjuni muntanjużi jistgħu jipprovdu produzzjoni agrikola ta' kwalità u iktar diversità fil-prodotti agrikoli fis-suq Ewropew, jippreservaw ċerti speċijiet ta' annimali u ta' ħxejjex, jippreservaw it-tradizzjonijiet u jrawwmu attivitajiet industrijali u turistiċi u jistgħu jgħinu l-ġlieda kontra l-bidla fil-klima billi jħarsu l-bijodiversità u jiġbru s-$CO_2$ permezz tal-mergħat permanenti u l-foresti u li l-isfruttament sostenibbli tal-foresti jippermetti li jkun hemm produzzjoni ta' l-enerġija permezz ta' l-użu ta' residwi ta' l-injam;

9. Jenfasizza l-importanza tal-kwistjoni tal-ġestjoni ta' l-ilma fiz-zoni muntanjużi u jistieden lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jiżviluppaw sens ta' solidarjetà bejn l-utenti fiz-zoni ta' fuq u dawk fiz-zoni t'isfel, inkluż permezz ta' finanzjament xieraq għall-appoġġ ta' l-użu sostenibbli tar-riżorsi ta' l-ilma f'dawn iz-zoni;

10. Jenfasizza li dawn ir-reġjuni huma partikolarment vulnerabbli għall-konsgewenzi tal-bidla fil-klima u jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti biex jippromwovu l-implimentazzjoni immedjata tal-miżuri biex jipprovdu protezzjoni kontra d-diżastri naturali, b'mod partikulari l-ħruq tal-foresti, f'dawn ir-reġjuni;

11. Jirrimarka li r-reġjuni muntanjużi jirrikjedu mezzi ġodda biex iħarsu t-territorju tagħhom kontra l-għargħar (b'enfasi fuq il-prevenzjoni ta' l-għargħar), waqt li l-bdiewa u n-nies li jgħixu u jaħdmu fil-foresti jistgħu jappoġġaw miżuri preventivi kontra l-għargħar permezz tal-ħlasijiet diretti marbutin maz-zona li jirċievu skond il-CAP;

12. Ifakkar li għandha tiġi pprovduta protezzjoni fil-fond u komprensiva kontra l-erożjoni għall-ħamrija, il-bini u l-konservazzjoni ta' l-akwiferi bħala parti kostitwenti mill-prattika tal-biedja u tal-forestrija sabiex ikunu mminimizzati r-riskji ta' għargħar u ta' erożjoni tal-ħamrija u għall-prevenzjoni kontra n-nixfa u l-ħruq tal-foresti, kif ukoll għaż-żieda fil-provvista ta' ilma tal-qiegħ u tal-wiċċ fil-kampanja;

13. Jenfasizza s-sinifkat ta' l-introduzzjoni ta' approċċ integrat għall-proċeduri amministrattivi u ta' teħid ta' deċiżjonijiet bħall-ippjanar reġjonali, il-liċenzjar ta' proġetti ta' kostruzzjoni u t-titjib ta' postijiet għall-għajxien permezz ta' prattiki ambjentali, ta' patrimonju u ta' ippjanar tal-bliet, bl-għan li jiġi żgurat żvilupp sostenibbli fir-reġjuni muntanjużi; jirrakkomanda li l-potenzjal tar-reġjuni muntanjużi għandu jkun sfruttat sabiex ikun promoss l-iżvilupp komprensiv tat-turiżmu u l-użu ta' l-innovazzjoni fl-iżvilupp ta' l-art u, għal dan il-għan, jinkoraġġixxi inizjattivi u koperazzjoni lokali u deċentralizzati bejn ir-reġjuni muntanjużi;

14. Jagħti parir lill-Istati Membri biex itejbu l-istruttura u l-proċeduri għall-provvediment ta' għajnuna finanzjarja intiża biex tappoġġa l-iżvilupp tar-reġjuni muntanjużi u fl-istess ħin biex jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi u l-aċċess għar-riżorsi intiżi biex jappoġġaw il-ħarsien u l-użu sostenibbli ta' assi territorjali: il-wirt kulturali u r-riżorsi

naturali u umani;

15. Iqis li agrikoltura sostenibbli, modernizzata u multifunzjonali hija meħtieġa fiz-zoni muntanjużi għal manteniment ta' attivitajiet oħra, bħall-isfruttament tal-bijomassa u l-agrituriżmu, u b'hekk jiżdied id-dħul tan-nies lokali u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iqisu b'mod speċifiku, fil-CAP u fil-politika reġjonali, il-bżonnijiet tar-reġjuni muntanjużi: il-wasla ta' bdiewa ġodda, il-kumpens ta' spejjeż extra marbuta mal-problema tan-nuqqas ta' aċċessibilità, pereżempju fir-rigward tal-ġbir tal-ħalib, il-manteniment tas-servizzi fiz-zoni rurali u l-inżvilupp ta' l-infrastuttura tat-trasport eċċ.;

16. Jenfasizza li l-eċċezzjonijiet u l-miżuri speċjali ta' appoġġ iridu jkunu ristretti għal zoni partikolarment żvantaġġati u ma jistgħux jitħallew iwasslu għal tagħwiġ tal-kompetizzjoni fi swieq agrikoli;

17. Huwa konvint li għandha tingħata prijorità lill-manteniment ta' densità ta' popolazzjoni suffiċjenti fir-reġjuni muntanjużi u li hemm bżonn ta' miżuri biex tkun miġġielda d-deżertifikazzjoni u biex ikunu attirati nies ġodda;

18. Jenfasizza l-importanza li jkun żgurat livell għoli ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, tat-titjib ta' l-aċċessibilità u l-interkonnessjoni taz-zoni muntanjużi u tal-provvediment ta' l-infrastruttura neċessarja, b'mod partikulari rigward it-trasport tal-passiġġieri u l-merkanzija, l-edukazzjoni, l-ekonomija bbażata fuq l-għarfien u n-netwerks ta' komunikazzjoni (inkluż l-aċċess għall-broad band) sabiex ikunu ffaċilitati l-konnessjonijiet mas-swieq taz-zoni tan-naħa ta' fuq u maz-zoni urbani; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti biex jippromwovu sħubiji pubbliċi-privati għal dawn l-għanijiet;

19. Iqis li hu meħtieġ l-investiment f'ċentri lokali ta' taħriġ avvanzat fl-ekonomija agrikola għaz-zoni muntanjużi, sabiex ikunu mħarrġa professjonisti bil-kapaċità li jimmaniġġjaw attivitajiet f'ambjent muntanjuż, jipproteġu l-art u jiżviluppaw l-agrikoltura.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data ta' l-adozzjoni** | 25.6.2008 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 44<br>–: 0<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Emmanouil Angelakas, Stavros Arnaoutakis, Jean Marie Beaupuy, Rolf Berend, Jana Bobošíková, Victor Boştinaru, Wolfgang Bulfon, Antonio De Blasio, Petru Filip, Gerardo Galeote, Iratxe García Pérez, Eugenijus Gentvilas, Ambroise Guellec, Jim Higgins, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Mieczysław Edmund Janowski, Rumiana Jeleva, Tunne Kelam, Evgeni Kirilov, Constanze Angela Krehl, Sérgio Marques, Miroslav Mikolášik, James Nicholson, Maria Petre, Markus Pieper, Giovanni Robusti, Wojciech Roszkowski, Elisabeth Schroedter, Kyriacos Triantaphyllides, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Bernadette Bourzai, Jan Březina, Jill Evans, Emanuel Jardim Fernandes, Ramona Nicole Mănescu, Francisca Pleguezuelos Aguilar, Zita Pleštinská, Samuli Pohjamo, Christa Prets, Richard Seeber, László Surján, Iuliu Winkler |
| **Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Anneli Jäätteenmäki, Glenis Willmott |